**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 10 ta' Dicembru, 2019**

**Talba Nru: 309/2019 PM1**

**Adrian Cutajar (ID Nru. 144279(M)) ezercenti fin-negozju bl-isem ta' Audio Images**

**Vs**

**Mario Camilleri (ID Nru. 345569(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-15 t' Ottubru, 2019 illi l-konvenut ghandu jigi ordnat ihallas is-somma ta' elf, tmien mija u disgha u tmenin euro (€1889) f'ammont wiehed in linea mal-ftehim dwar hlas sottoskritt minnu, bl-ispejjez u interessi legali mid-data ta' din it-talba sad-data tal-hlas effettiv kontra l-istess konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra d-dokumenti annessi mat-talba senjatament il-ftehim dwar hlas bin-nifs datat 11 ta' Frar, 2019 u l-korrispondenza mibghuta lill-konvenut.

Illi l-konvenut gie debitament ingunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tat-3 ta' Dicembru, 2019 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant tal-attur fis-seduta tat-3 ta' Dicembru, 2019 u fil-fatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra. Mid-dokumenti ezebiti jirrizulta li l-konvenut akkwista apparat elettroniku tal-valur ta' elf, tmien mija u disgha u tmenin euro (€1889) minghand l-attur u ftiehem li jhallas il-prezz patwit permezz ta' pagamenti mensili ta' hamsin euro (€50) kull wiehed b'dana li jekk jonqos li jhallas ghal darbtejn konsekuttivi l-attur zamm ferm id-dritt illi jitlob il-hlas tal-bilanc rimanenti f'pagament wiehed (Dok. 1 a fol. 2 tal-process). Irrizulta wkoll li minkejja li gie debitament interpellat l-intimat naqas milli jhallas l-ammont dovut minnu fir-rigward ta' diversi xhur (Dok. 2 u 3 a fol.3 et. seq tal-process) u kwindi l-ammont mitlub gie dovut kollu minnu f'daqqa. It-talba ghall-hlas f'daqqa ghaldaqstant tirrizulta gustifikata. L-imghaxijiet jibdew jiddekorru mid-data tal-ewwel notifika lill-konvenut tal-avviz odjern ossija t-2 ta' Novembru, 2019.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-istess attur is-somma mitluba ta' elf, tmien mija u disgha u tmenin euro (€1889) f'ammont wiehed in linea mal-ftehim dwar hlas sottoskritt minnu u rapprezentanti l-prezz ta' apparat elettroniku mixtri mill-istess konvenut minghand l-attur, bl-ispejjez u bl-interessi legali mit-2 ta'

Novembru, 2019 data tan-notifika lilu tal-avviz odjern sad-data tal-hlas effettiv kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**